

Brussell, 27 ta' Ottubru 2020  
(OR. en)

11656/20

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2020/0263 (NLE)

---

ACP 108  
WTO 236  
COASI 115  
RELEX 727

#### **ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim li jemenda l-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adeżjonijiet tal-Istat Indipendenti ta' Samoa u tal-Gżejjer Solomon, u adeżjonijiet futuri ta' Stati Gżejjer tal-Paċifiku oħrajn

---

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2020/...**

**ta'...**

**dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim  
li jemenda l-Ftehim Interim ta' Sħubija  
bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda,  
u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra,  
fir-rigward tal-adeżjonijiet tal-Istat Indipendenti ta' Samoa u tal-Gżejjer Solomon,  
u adeżjonijiet futuri ta' Stati Gżejjer tal-Paċifiku oħrajn**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fit-12 ta' Ġunju 2002 il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati għal ftehimiet ta' sħubija ekonomika mal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP).
- (2) Il-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra<sup>1</sup> (il-"Ftehim Interim ta' Sħubija"), li jstabilixxi qafas għal ftehim ta' sħubija ekonomika, ġie ffirmat f'Londra fit-30 ta' Lulju 2009 u f'Copenhagen fil-11 ta' Diċembru 2009. Il-Ftehim Interim ta' Sħubija ilu jiġi applikat b'mod proviżorju bejn l-Unjoni u Papua New Guinea mill-20 ta' Diċembru 2009 u bejn l-Unjoni, Papua New Guinea u Fiġi mit-28 ta' Lulju 2014.

---

<sup>1</sup> ĠU L 272, 16.10.2009, p. 2.

- (3) L-Artikolu 80 tal-Ftehim Interim ta' Sħubija jipprevedi l-adeżjoni ta' Stati Gzejjier tal-Paċifiku oħrajn. Permezz tad-Deċiżjonijiet (UE) 2018/1908<sup>1</sup> u 2020/409<sup>2</sup>, il-Kunsill approva l-adeżjonijiet tal-Istat Indipendenti ta' Samoa u tal-Gzejjier Solomon, rispettivament, mal-Ftehim Interim ta' Sħubija. Samoa aderiet mal-Ftehim Interim ta' Sħubija fil-21 ta' Diċembru 2018 u ilha tapplikawh b'mod proviżorju mill-31 ta' Diċembru 2018. Il-Gzejjier Solomon aderixxew mal-Ftehim Interim ta' Sħubija fis-7 ta' Mejju 2020 u ilhom japplikawh b'mod proviżorju mis-17 ta' Mejju 2020.
- (4) Wara l-adeżjonijiet ta' Samoa u l-Gzejjier Solomon, huwa neċessarju, għal raġunijiet ta' ċertezza legali, li jiġi emendat il-Ftehim Interim ta' Sħubija sabiex daww il-pajjiżi jiġu elenkati bħala Partijiet għall-Ftehim Interim ta' Sħubija. Hemm bżonn li ssir emenda simili għall-Ftehim Interim ta' Sħubija kull darba li Stat Gżira tal-Paċifiku jaderixxi mal-Ftehim Interim ta' Sħubija.
- (5) L-Artikolu 68 tal-Ftehim Interim ta' Sħubija jistabbilixxi Kumitat tal-Kummerċ li jittratta l-kwistjonijiet kollha neċessarji għall-implimentazzjoni tal-Ftehim Interim ta' Sħubija. Huwa xieraq li l-Kumitat tal-Kummerċ jingħata s-setgħa li jiddeċiedi dwar kwalunkwe emenda għall-Ftehim Interim ta' Sħubija li tista' tkun neċessarja wara l-adeżjoni ta' Stati Gzejjier tal-Paċifiku oħrajn.

---

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1908 tas-6 ta' Diċembru 2018 dwar l-adeżjoni ta' Samoa mal-Ftehim ta' Sħubija Interim bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra (ĠU L 333, 28.12.2018, p. 1.)

<sup>2</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/409 tas-17 ta' Frar 2020 dwar l-adeżjoni tal-Gzejjier Solomon mal-Ftehim ta' Sħubija Interim bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra (ĠU L 85, 20.3.2020, p. 1.)

- (6) Permezz tad-Deċiżjoni (UE) 2019/1707<sup>1</sup>, il-Kunsill iddeċieda dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Komitat tal-Kummerċ fir-rigward tal-emendi neċessarji, li ġew maqbula fis-seba' laqgħa tal-Komitat tal-Kummerċ li saret fl-4 ta' Ottubru 2019.
- (7) Il-Ftehim li jemenda l-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adeżjonijiet tal-Istat Indipendenti ta' Samoa u tal-Gżejjer Solomon, u adeżjonijiet futuri ta' Stati Gżejjer tal-Paċifiku oħrajn jenħtieġ li jiġi ffirmat f'isem l-Unjoni u li jiġi applikat fuq bażi proviżorja, sakemm jitlestew il-proċeduri neċessarji għad-dħul fis-seħħ tiegħu,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1707 tas-17 ta' Ġunju 2019 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Komitat tal-Kummerċ stabbilit skont il-Ftehim ta' Sħubija Interim bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra, fir-rigward ta' rakkomandazzjoni għal ċerti emendi li għandhom isiru għall-Ftehim biex titqies l-adeżjoni ta' Samoa u ta' adeżjonijiet futuri ta' Stati Gżejjer oħra tal-Paċifiku (ĠU L 260, 11.10.2019, p. 45).

### *Artikolu 1*

L-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim li jemenda l-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adeżjonijiet tal-Istat Indipendenti ta' Samoa u tal-Gżejjer Solomon, u adeżjonijiet futuri ta' Stati Gżejjer tal-Paċifiku oħrajn ("il-Ftehim Emendatorju") huwa b'dan approvat, soġġett għall-konklużjoni tal-imsemmi ftehim.<sup>1+</sup>

### *Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jaħtar il-persuna jew persuni bis-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim Emendatorju f'isem l-Unjoni.

---

<sup>1</sup> It-test tal-Ftehim Emendatorju huwa ppubblikat fi ...[daħħal ir-referenza tal-ĠU].  
<sup>+</sup> Delegazzjonijiet: araw id-dokument ST11669/20.

### *Artikolu 3*

F'konformità mal-Artikolu 2 tal-Ftehim Emendatorju, u sakemm jidħol fis-seħħ, il-Ftehim Emendatorju għandu jiġi applikat fuq bażi proviżorja, f'konformità mal-Artikolu 76(2) tal-Ftehim Interim ta' Sħubija, għaxart ijiem wara li l-Partijiet ikunu nnotifikaw lil xulxin bil-miktub dwar it-tlestija tal-proċeduri meħtieġa għal dan il-għan.

Il-President tal-Kunsill għandu, f'isem l-Unjoni, jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 76(2) tal-Ftehim Interim ta' Sħubija.<sup>1</sup>

### *Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---

<sup>1</sup> Id-data li minnha ser jiġi applikat b'mod proviżorju l-Ftehim Emendatorju ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.